# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6:** Ngħixu bħal Ġesu

**Lezzjoni 8:** Min se jgħinna nagħmlu kuraġġ?

**Għanijiet:**

1. Jifhmu kif Alla l-Missier u dawk li jħobbuna, jgħinuna biex nagħmlu kuraġġ f'ħajjitna.



**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Template ta' persuna
- Il-kanzunetta Let your light shine
- Handouts bil-kanzunetta Let your light shine
- Karta tal-krafts *Ġesu' jagħtina l-kuraġġ*
- Kartonċin
- Imqass
- Glu
- Biċċa żigarella



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Spjega li f'ħajjitna għandna bżonn lil min jgħinna f'dak li nagħmlu u jgħidilna x'għandna nagħmlu. Kuljum niltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet u jkollna ħafna deċiżjonijiet x'nieħdu. Xi kultant dan ma jkunx faċli. Xi nies jiddeċiedu fuq dak li jħossu jew fuq dak li jaħsbu li huwa sewwa iżda mhux dejjem dan ikun tajjeb. Xi wħud anke jiddeċiedu fuq dak li jagħmel jew jaħseb ħaddieħor. Dan mhux tajjeb lanqas.
- Staqsi lit-tfal lil min jitolbu l-għajnuna meta jkollhom bżonn.
- Ikteb lil dawk il-persuni li jsemmu fuq il-*board*.
- Agħti lil kull student u studenta template ta' persuna u fuqha jridu jpinġu lil dik il-persuna li tgħinhom jagħmlu l-kuraġġ meta jkollhom xi diffikulta'. Fuq wara tat-template se jiktbu min hi dik il-persuna eż. mama', zija



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Uri l-PowerPoint *X'għamel Ġesu'* lit-tfal u rrakkontalhom l-istorja ta' dak ir-raġel.
- Oħroġ il-punt li Ġesu' hu dejjem lest li jaħfrilna u mhux se joqgħod iniżżel dawk l-affarijiet ħżiena li nagħmlu iżda Hu dejjem lest li jinsa d-dnubiet li nagħmlu u jgħinna nimxu 'l quddiem f'ħajjitna.

- Ikteb fuq il-board *Ġesu' dejjem lest jimlina bil-kuraġġ.*
- Qassam il-handout tal-crafts Ġesu' jagħtina l-kuraġġ.
- Għid lit-tfal li jridu jpinġuha u jwaħħluha fuq biċċa kartonċina biex tkun soda.
- Imbagħad se jqasqsu l-istampa ta' Ġesu' u l-qlub.
- Se jwaħħlu l-qlub maż-żigarella u ż-żigarella bil-qlub mal-istampa ta' Ġesu'

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**



- Għandna naħdmu biex fil-ħajja tagħna qatt ma jonqsilna l-kuraġġ.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**



- Meta nkunu se naqtgħu qalbna għandna dejjem niftakru li Ġesu' qiegħed hemm għalina.
- Meta nkunu f'sitwazzjoni fejn jonqsilna l-kuraġġ, għandna nitolbu l-għajnuna ta' nies li nafdaw.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Se nkantaw il-kanzunetta Let your light shine. Qassam il-kliem bil-lirika lit-tfal u iftaħ il-file bil-kanzunetta.




**Nitolbu**

Fl-aħħar tal-lezzjoni it-tfal se jinġabru u jgħidu din it-talba flimkien

- Għinna Ġesu' biex meta nkunu se naqtgħu qalbna, niftakru dejjem li Int qiegħed hemm għalina biex tgħinna nimxu 'l quddiem.

